Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 242 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Matthew Vella

Vs

Joseph Mary Borg

Illum 30 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Joseph Mary Borg detenur tal-karta tal-identita Maltija 307350 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. Talli f' dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Lulju 2007 u fis-snin ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe ha u zamm ghandu l-ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Charles Bugeja mill-Belt Valletta, liema flus li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. U aktar talli b' hekk kkommettejt reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b' sentenza taghha ta' nhar it-18 ta' Jannar 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310 (1) (a), 28 F u 28 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' tmintax (18)-il xahar.

Ordnat ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28 B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar, sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta' Jannar 2005 tigi reza operattiva, u b' hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Mary Borg, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija fl-24 ta' Mejju 2018 fl-istess ismijiet premessi billi tiddikjara lill-esponent mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena; u;
ii. Subordinatament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l-esponent jitlob li f' kaz ta' konferma ta' htija "in toto" jew "in parte" dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tapplika piena ehfef u aktar adattata.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti tlett (3) aggravji:

(a) L-ewwel Onorabbli Qorti ma messha sabet lill-esponent hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih.
(b) L-esponent kien gia' tressaq il-Qorti fi proceduri precedenti deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14 ta' Marzu 2013 [Appell Nru 353/2010 u 358/2010 – a fol. 106] fuq akkuza li "kkometta reat waqt il-perijodu

operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b' sentenza taghha ta' nhar it-18 ta' Jannar 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula", u allura l-esponent ma setghax jerggha jitressaq fuq l-istess akkuza fil-kaz in dizamina halli s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2005 terggha ghal darba ohra tigi reza operattiva. Dan kien ksur tal-principju "ne bis in idem".

(c) Subordinatament, u bla ebda rpegudizzju ghal dak li ntqal dwar in-nuqqas ta' htija, dik il-Qorti messha, fic-cirkostanzi tal-kaz, il-piena nflitta hija eccessiva.

1. **L-EWWEL AGGRAVJU**: Illi l-fatti kif sfolgew kellhom jinducu lill-Ufficjal Prosekutur biex ma jghatix bidu ghall-proceduri kriminali kontra l-esponent stante rinunzja sa minn qabel l-esponent tressaq il-Qorti mill-parti lesa Charles Bugeja li huwa "jixtieq jirtira l-kaz ghax m' ghandhiex aktar interess fih" [Ara ittra a fol. 34] li allura wasslet ghall-estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali ta' approprjazzjoni ndebita, addirittura sa minn qabel ma nbdiet.

Illi din kienet kawza dwar imputazzjoni ta' approprjazzjoni ndebita taht l-Artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Normalment dina l-imputazzjoni hija biss prosegwibbli fuq il-kwerela tal-parti, pero' fejn jigi ipotezzat ukoll l-aggravju taht l-Artikolu 294, u cioe' meta d-delitt jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, l-industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ir-reat jigi prosegwibbli "ex officio". F' dan il-kaz, l-aggravju ma jirrizultax. Kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova dan l-aggravju, haga li l-Prosekuzzjoni ma skarikatx. Anzi, rrizulta mill-provi illi l-esponent kien qabel jahdem bhala clerk mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, u spicca clerk ma' Kumpanija Telefonika sakemm imbghad hareg bil-pensjoni. L-esponent la huwa professjonist, la huwa fl-impjieg tal-parti lesa Charles Bugeja, u lanqas f' xi forma ta' kummerc. Li kien jaghmel l-esponent huwa li jircievi l-flus minghand Bugeja biex ihallaslu xi kontijiet tat-taxxa etc, u jiffrankalu l-kujijiet. Dan kien isir fuq livell ta' hbiberija u gratuitatament. Fil-fatt, ma ngiebet l-ebda

prova da parti tal-Pulizija li Bugeja kien ihallas lill-esponent tal-qadi li jkun jghamillu. Dan iwassal illi "servizz" li l-ewwel Onorabbli Qorti deherilha li l-esponent kien jghati lill-Bugeja u allura, skond hi, jidhol fid-definizzjoni ta' servizz imsemmi fl-Artikolu 294, ma kien servizz xejn kif hemm imsemmi. Infatti, fl-aggravju ta' l-Artikolu 294 jippostula sitwazzjonijiet fejn il-persuna koncernati taghti xi forma ta' servizz bi hlas kemm minhabba l-professjoni, l-industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu. F' dan il-kaz il-qadi kien isir b' mod gratuitu, u allura ma jistghax jigi klassifikat bhala servizz kif postulat fl-Artikolu 294 tal-Kap. 9, izda bhala pjacir. Isegwi illi l-aggravju taht l-Artikolu 294 tal-Kap. 9 ma japplikax ghall-kaz in dizamina.

Illi allura f' dan il-kaz avverat ruha rinunzja tal-kwerela tal-parti leza Charles Bugeja minhabba l-fatt li Bugeja kien kiteb lill-Ispettur Investigattiv li ma kienx aktar interessat fil-prosegwiment tal-kaz u rtira l-Kwerela tieghu [Ara fol. 34 u 35]. Dan wassal skond il-ligi ghall-estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali. Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Concetta Charles" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Lulju 2014 (Kawza Nru 85/2014 - Magis. Dr. C. Scerri Herrera) gie deciz fuq akkuza ta' Approprjazzjoni Indebita, f' cirkostanzi aggravanti taht l-Artikolu 294 tal-Kap. 9, fejn pero' kien hemm rinunzja tal-parte civile "Il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara stante r-rinunzja tal-parte civili l-procediment ezawrit u tastjieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza". Fil-kaz in dizamina, l-parti leza kien kiteb fis-19 ta' Novembru 2008, u cioe' sa minn qabel inbdew il-proceduri, li fit-12 ta' Novembru 2008 kien lahaq ftiehim u ffirmaw skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, u ghalhekk huwa xtaq li jirtira l-Kwerela tieghu. Huwa stramb hafna kif nonostante dina r-rinunzja l-Pulizija xorta wahda, fl-1 ta' Dicembru 2008, ghagglet biex tressaq lill-esponent il-Qorti. Dina r-rinunzja giet konfermata mill-parti leza Charles Bugeja anki fil-mori tal-kawza kriminali.

Illi inoltre, l-fatt li l-partijiet irriducew il-kwistjoni fi skrittura privata b' obbligazzjonijiet cari dwar pagamenti, ma baqghatx aktar kwistjoni ta' approprjazzjoni ndebita, izda saret kwistjoni purament civili. Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Concetta Charles" moghtija fis-6 ta' Gunju 2011 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Onor Imhallef Lawrence Quintano) fuq fatti kemxejn simili fejn l-akkuzata ukoll dahlet fi skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-Qorti qalet wara li qieset li Charles obbligat ruha li tirrifondi s-somma ta' Lm5,500 imhallsin lilha mill-koppja Cassar fuq skrittura privata illi

> "minn meta sar il-ftiehim wiehed ma jistax iqis iktar li hija kwistjoni ta' approprjazzjoni indebita izda hija kwistjoni ta' kreditu li ghadu ma giex onorat. Ghal dan jezistu l-mezzi civili kollha biex dan il-ftiehim ikun inforzat bhalma jsir normalment".

Huwa mmaterjali jekk l-iskrittura gietx iffirmata qabel jew wara li l-imputata bdiet tigi nvestigata. Il-fatti huma identici fiz-zewg kazijiet. Fi kwalunkwe kaz, fil-kaz in dizamina l-esponent iffirma l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu <u>qabel</u> ma nbdew il-proceduri kriminal kontrih, u konsegwentement, u anki fuq l-iskorta tal-precitata sentenza tas-6 ta' Gunju 2011, "bl-iskrittura ffirmata saret kanonizzazzjoni ta' kreditu b' novazzjoni (ai termini tal-artikoli 1179(a) u 1180(2) tal-Kap. 16)". Fil-kaz in dizamina, l-esponent onora l-obbligazzjoni tieghu skond l-iskrittura ffirmata u hallas l-ammont minnu dovut.

2. **<u>IT-TIENI AGGRAVJU</u>:** L-Ewwel Qorti ma kellhiex tirrendi operattiva s-sentenza sospiza tat-18 ta' Jannar 2005 ghax dina kienet gia' giet reza operattiva. L-esponent kien gia' precedentement tressaq il-Qorti u fost akkuzi li kellu kien hemm "illi huwa kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuq mill-Qorti tal-Magistrati b' sentenza taghha ta' nhar it-18

ta' Jannar 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula". F' dawk il-proceduri kienet inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar il-21 ta' Lulju 2010 fejn l-ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 293, 294, 28F, u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, inkluza allura l-akkuza li s-sentenza sospiza tat-18 ta' Jannar 2005 giet reza operattiva, u kkundannatu ghal perijodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija. Minn dik is-sentenza sar appell kemm mill-esponent u kif ukoll mill-Avukat Generali [Appelli 353/2010 u 358/2010], u l-Qorti ta' l-Appell b' sentenza tal-14 ta' Marzu 2013 laqghat l-Appell ta' l-Avukat Generali li kien talab fir-Rikors ta' l-Appell tieghu konferma fejn sabet lill-imputat appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u revoka f' dik il-parti tal-piena fejn ikkundannat lill-imputat biss ghal ghaxar xhur prigunerija, u kkundannat lill-esponent ghal 18 xhar prigunerija. [Ara fol. 106]. Konsegwentement, is-sentenza sospiza tat-18 ta' Jannar 2005 gia' giet reza operattiva bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Lulju 2010 u bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-14 ta' Marzu 2013 li zieditlu l-piena. L-esponent ghalhekk gia' kien gie akkuzat dwarha fil-proceduri kriminali precedenti u gia' patta ghalija bi 18 il-xahar prigunerija, u ghalhekk, abbazi tal-principju "nebis in idem", huwa ma ghandhux jerggha jirrisponi ghaliha u jerggha jpatti ghaliha. ["Baldacchino –vs- Buhagiar", App/Inf, 15 ta' Novembru 1941]

3. **IT-TIELET AGGRAVJU**: Illi ghar-rigward tal-piena nflitta, li kif inghad dan l-aggravju qed jitressaq subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal dwar in-nuqqas ta' htija, l-piena ta' tlett snin prigunerija hija wisq eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, u tenut ukoll kont li s-sentenza ta' 18 xhar prigunerija sospizi ghal erba snin moghtija fit-18 ta' Jannar 2005 kien ghadda l-maggor parti taghha, l-Qorti setghat tordna li tinghatalu sentenza sospiza ohra. Qed jigi sottomess dan li gej fir-rigward:

(i) L-esponent ikkopera mal-pulizija u rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri. Dan il-kaz ha zvolta daqsxejn fit-tul ghax l-esponent ma setghax jaccetta l-aggravju taht l-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, apparti li nbidel l-tlett darbiet Ispettur Investigattiv, inbidel il-Magistrat sedenti, u hafna dewmien iehor tas-soltu anki sakemm inghatat s-sentenza mill-Ewwel Qorti.

(ii) Dan il-kaz inbeda fl-1 ta' Dicembru 2008 u tkarkar ghal disa snin u nofs. Illum l-esponent ghandu l-eta' ta' 68 sena u ma jiflahx ghal piena ta' prigunerija ta' tlett snin.

(iii) Il-parti leza irtirat il-Kwerela.

(iv) L-esponent hallas l-ammont kollu dovut fi stadju inizjali tal-proceduri kriminali.

(v) L-esponent kien hu stess vittma ta' frodi u kien ghalhekk li sab ruhu f' diffikoltajiet finanzjarji.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat;

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed l-**Ispettur Angelo Gafa'** li spjega li l-Pulizija kienet rceviet rapport minghand certu Charles Bugeja mill-Belt Valletta rigward allegat kaz ta' approprjazzjoni in debita li kien jaccedi l-LM1000 minn Joseph Mary Borg u dan ghad-dannu tal-istess Charles Bugeja. Jghid li Bugeja kien spjega li huwa proprjetarju ta' hanut tal-haxix bl-isem Dadra Green Grocer f'106, Republic Street Valletta u spjega li bejn is-sena elfejn u tlieta (2003) u Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) kien halla f'idejn Joseph Mary Borg li gharaf fl-awla bhala l-imputat sabiex jamministralu x-xoghol relatat ma karti fin-negozju tieghu u partikolarment pagamenti lil *VAT Department* u l-Kummissarju tat-

Taxxi Interni. Spjega kif fis-sajf tas-sena elfejn u sebgha (2007) kien qed jitkellem ma certu Joseph Curmi u rrealizza li s-somma ta' elf u mitt liri Maltin (LM1100) fi flus kontanti li kien ghadda lil Joseph Mary Borg sabiex ihallaslu pagamenti ta' VAT, kienu spiccaw ghand Joseph Curmi li kien allegatament gie defrawdat mill-istess imputat.

Jghid li kien konxju dwar dan il-kaz peress li kien ghamel l-investigazzjonijiet u kien ghadda sub judice. Spjega li s-Sur Bugeja kien issuspetta li d-diversi flus li kien qed jghaddi lill-imputat perjodikament f'kontanti, bejn is-sena elfejn u tlieta (2003) u s-sena elfejn u sebgha (2007) setghu facilment gew misapproprijati mill-imputat u wara li ghamel il-verifiki mad-Dipartiment tal-VAT, l-*Inland Revenue Department* u d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, sab li ghal perjodu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) kellu ammont pendenti ta' tlett'elef, tlett mija u tmintax il-Liri Maltin u sbatax-il centezmu (LM3318.17) f'taxxi pendenti mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, sitt mija u sitta u disghin Liri Maltin (LM696) kontribuzzjoni tas-sigurta socjali wkoll pendenti mas-Social Security Department. Jghid li r-records mal-*VAT Department* kienu juru li f'dan il-perjodu kellu dejjem credit balance u ma kellu jaghti xejn lil *VAT Department*. Jghid li Charles Bugeja insista li dawn il-pendenzi ma kellhomx ikunu hemm u dan ghal fatt li dawn il-flus kien dejjem ghaddiehom lil imputat sabiex ihallas lid-Dipartimenti koncernati. Spjega li l-ahhar li kien ghaddielu is-somma ta' elf u mitt Liri Maltin (LM1100) ghal VAT u dan minkejja l-fatt li r-records tal-VAT kienu juru li fil-fatt Charles Bugeja ma kellu jaghti ebda flus lil *VAT Department* u dan ghaliex ir-*returns* tieghu kienu qed jispiccaw bi *credit balance*.

Jghid li ghalhekk fid-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) kien interroga lil Joseph Mary Borg li gharaf fl-awla bhala l-imputat. Ix-xhud jghid li hu interrogah wara d-debita twissija skond il-ligi u fl-istqarrija bil-miktub wara l-istess debita twissija kien ammetta mieghu li f'Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) u fis-snin ta' qabel kien ghamel appropjazzjoni in debita ta' iktar minn tlett'elef Liri Maltin (LM3000) li jghid li jigu sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro (€6988) Euro ghad-dannu ta' Charles Bugeja, liema flus kien ammetta li dan kien jaghtihomlu biex jeffettwa pagamenti ta' *national insurance*, taxxa lis-*CIR* u lil VAT '*izda hu ammetta mieghi li kien uzahom ghal skopijiet personali u dan minghajr ma kellu l-awtorizzazzjoni ta' Bugeja f'dak is-sena.*' Esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u mmarkata. bhala Dok AG1. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-istess persuna li ffirma u rrilaxxa l-

istqarrija. Prezenta wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Qorti, dak iz-zmien il-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera datata t-tmintax (18) ta' Jannar, tas-sena elfejn u hamsa (2005) fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Bernard Zarb vs Joseph Mary Borg'. Din giet immarkata bhala Dok AG2.

In kontro-ezami, mistoqsi jekk irceviex ittra datata d-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) mibghuta mill-kwerelant Charles Bugeja jghid li jista' jkun li rceviha izda fuqu ma ghandux u ma jistax jikkonferma. Mistoqsi li kienu ltqaghu u rrefera ghaliha jghid li jiftakar xi haga f'dak is-sens fejn kien kellmu l-avukat difensur u fl-ittra jghid jekk qara sew li l-imputat lahaq xi ftehim mal-vittma. Muri l-ftehim jghid li huwa kostituzzjoni ta' debitu. Jghid li fl-ittra, l-kwerelant qed jghid li qed jirtira r-rapport tieghu fi kliem ix-xhud '*pero l-fatt li hawn hekk qed nitkellmu fuq appropjazzjoni in debita that it-294 tal-Kodici Kriminali, dak jaghmel ir-reat ex ufficio u l-prosekuzzjoni hawn hekk ma setghet b'ebda mod tirtira l-akkuzi kontra l-imputat.*' Jispjega li minkejja kull ftehim li jista' jkun hemm, dan jista' jibbenefika minnu l-imputat pero' nonostante dan kollu, ir-reat huwa wiehed ex ufficio u qatt ma seta jigi irtirat mill-prosekuzzjoni.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed **Charles Bugeja** li qal li jaf l-imputat, li jispjega li '*kien bhala accountant tieghi, jghinni fit-taxxa u jimlieli l-karti tal-VAT u hekk kollox u kont inhalli kollox f'idu u ma kienx ihallashomli u ma kontx naf hux*'. Jghid li darba talbu elf u mitt Liri Maltin (LM1100) tal-VAT u qal kif jista' jkun jaghtih elf u mitt Liri Maltin (LM1100) meta qatt ma hallas elf u mitt Liri Maltin (LM1100 VAT). Jghid li nzerta wiehed habib tieghu bil-hanut Joe Curmi, jigi jixtri minghandu u gie d-diskors. Qallu li ghadu kemm jiehu elf u mitt Liri Maltin (LM1100) minghand l-Avukat tieghu u rrizultalu lil l-elf u mitt Liri Maltin (LM1100) hadhomlu ghal xejn.

Jikkonferma li ghamel rapport tal-pulizija u li ghandu negozju. Jikkonferma li l-imputat kien jiehu hsieb in-negozju bhala accountant. Jghid li ilu jaf minn xi elf, disa' mija u tlieta u sebghin (1973), kien waqaf xi erba' (4) snin imbghad rega qabad. Ikkonferma li bejn l-elfejn u tlieta (2003) u l-elfejn u sebgha (2007) kien qed jiehodlu hsieb l-amministrazzjoni tal-hanut tieghu. Jikkonferma li kien jaghtih il-flus bhala accountant tieghu, kien jaghtih tat-taxxa, tal-bolla u tal-VAT. Jghid li kien jghaddihomlu flus kontanti. Jghid li ma ghamilx verifiki izda d-Dipartiment tat-Taxxi

Interni baghtulu karta li ghandu jhallas xi tlett'elef Liri Maltin (LM3000). Jghid li anke tal-bolol ghandu jaghti u tal-VAT ma ghandux jaghti.

Mistoqsi ghala kien ta l-flus lill-imputat wiegeb biex ihallas it-taxxi u l-bollol. Mistoqsi jekk kienx hemm raguni ohra li kien jaghtih il-flus bhal li jithassru ghax kien bla flus jghid li le. Mistoqsi tahx xi awtorizazzjoni biex dawn il-flus juzahom ghal xi forma ohra jghid li le. Mistoqsi mill-Qorti jekk ghamilx talba biex jirtira l-kwerela wiegeb li iva. Il-Prosekuzzjoni irreferiet ghal DOK A3 u hu kkonferma l-firma tieghu fuq id-dokument. Jikkonferma li kien kieteb ittra dwar li Joe Borg qed jaqtahomlu u jghid li diment li jaghtihomlu hu jahfirlu. Jghid li habib tieghu kitibha u ma jafx jekk Avukat. B'referenza ghal Dok A4 jghid li thallas mitejn u erbgha u tletin ewro (€234) kull xahar. Jghid li ilu minn Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jithallas kull xahar. Jghid li llum ha cekk iehor. Jghid li minghalih kellu jiehu xi tlettax-il elf ewro (€13,000) u fadal bilanc ta' xi sitt'elef ewro (€6000).

In kontro-ezami jikkonferma li ma kull pagament johrog ircevuta. Jikkonferma li dejjem hallsu puntwali. Mistoqsi dwar li s-somma ta' elf u mitt Lira Maltin (LM1100) talabilu ghalih mhux biex ihallas il-VAT wiegeb li biex ihallas il-VAT. Jghid li basar li mhux ghal hekk ghax qatt ma hallas daqshekk. Jghid li '*Kien qalli aghtini LM1100. Hu talabni LM1100 u ghidtlu ghal xiex, qalli ghall-VAT. Issa jiena intbaht li LM1100 wisq ghax jiena qatt ma hallast daqshekk u l-iktar li hallast kien LM30*.'

Fis-seduta ta' nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehdet **Joanne Hefny** in rapprezentanza tal-VAT Department li ghandha l-kariga ta' Director Operations. Tghid li intalbet tixhed dwar il-pagamenti li ghamel is-Sur Charles Bugeja ID 354554 matul il-perjodu bejn Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007). Tghid li f'dak il-perjodu saru erbgha (4) pagamenti, wiehed fis-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) li kien ta' disgha u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€79.20), fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) hmistax-il ewro u wiehed u tletin centezmu (€15.31) u fil-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), sebgha u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (67.55). Tghid li l-bilanc fuq il-kont ivarja hafna ghax kien hemm zmien li kellu jiehu vat u zmien li kellu jaghti VAT. Tispjega li kien hemm zmien fejn

il-bilanc kien nill u zmien li kellu jaghti. Gew prezentati d-dokumenti Dok JH u Dok JH1.

Fl-istess seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed **Angelo Azzopardi** in rapprezentanza tal-Inland Revenue Department fejn dwar Charles Bugeja ID 354544(M) rigwardanti pagamenti li saru bejn Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007), jghid li mir-ricerka li ghamel kull ma sar pagament ta' hames Liri Maltin (LM5) li sar fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) bhala taxxa addizzjonali ghax baghat il-formola tal-elfejn u tlieta (2003). Dwar is-sigurta socjali fuq dak il-perjodu jghid li sar pagament ghax il-bolla tithallas kull erba' (4) xhur. Ghal perjodu ta' Jannar - April elfejn u tlieta (2003) ta' mija u disgha u tmenin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (LM189.53) u pagament iehor ghal perjodu Mejju- Awissu 2005 sa mija u sebgha u sittin Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (LM167.62). Jikkonferma li saru zewg pagamenti. Huwa prezenta zewg dokumenti mmarkati bhala Dok AA u Dok AA1.

Fl-istess seduta xehed ukoll **George Cremona** in rapprezentanza tas-Sigurta Socjali fejn dwar NI payments li saru minn Charles Bugeja bejn Jannar tal-efejn u tlieta (2003) u Lulju elfejn u sebgha (2007) jghid li r-responsabbilta tal-gbir tal-bolla ghadiet f'idejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni mill-1998 il-quddiem permezz tal-Avviz Legali 73/1999. Jghid li din l-informazzjoni jrid jaghtiha r-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed l-**Ex Spettur Bernard Zarb** li jghid li rrizenja minn pulizija f'Dicembru elfejn u erbgha (2004). Muri s-sentenza Dok AG2 jghid li kien spettur tal-Pulizija fl-Economic Crimes unit u muri d-decizjoni li nghatat fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) jghid li kien diga rrizenja dakinhar pero jikkonferma li Joseph Mary Borg huwa l-imputat prezenti. Jiftakar li meta ressqu kien Spettur tal-Pulizija. Jikkonferma li kien l-ufficjal investigattiv f'dak il-kaz u jghid li f'Dicembru elfejn u hamsa (2005) kien telaq minn pulizija.

Fis-seduta ta' nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed **Joseph Curmi** li jghid li ilu jaf l-imputat madwar tletin (30) sena. Jghid li jaf lil familja tieghu

u l-imputat jaf tieghu. Jghid li huwa Interior decorator u jghid li l-imputat kien involut biex jiehdu hsieb l-accounts u l-karti u l-affarijiet. Jghid li '*kien jigi per ezempju biex ihallasli l-bolol jew VAT u dawn l-affarijiet u kont naghtih cekk, kien ikun iridu blank u jimlieh hu u dawn l-affarijiet qatt ma kienu jithallsu.*' Jghid li kien tlellem mal-Avukat u kien gab kopji ta' cekkijiet mill-bank u rrizultalu li flok kien ikun hemm VAT kien ikun hemm isem xi hadd. Jghid li kien tkellem mal-pulizija u kkonferma li hemm kaz il-Qorti, jghid li l-ammont li l-imputat kien misapropja kien ta' madwar tlett'elef Liri Maltin (LM3000). Jghid li l-ewwel darba kien cempillu l-Avukat Dr Borg Olivier li kien qallu li ghandu parti mis-somma ghandu u t-tieni parti rcieva cekk id-dar minghand Dr Antoncich. Mistoqsi jafx minn fejn originaw il-flus jghid li ma ghandux idea. Jghid li l-ewwel pagament ircievih meta konna ghadna bil-liri Maltin u t-tieni ma ilux. Mistoqsija jekk Charles Bugeja qatt qallu li dawk il-flus kienu tieghu jghid li '*Jista jkun li xi darba tkellimna u ghidtlu li jiena hadthom il-flus u dak u qalli dawk nahseb kienu tieghi imma mhux ghax ghamilna xi konversazzjoni jew dak*'.

Fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) stante li kien hemm bdil fil-Magistrat sedenti, il-partijiet kienu ezentaw lil Qorti milli terga tisma' x-xhieda kollha li ngabru.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Dr Paul Borg Olivier** li qal li kien avukat ta' Joseph Curmi li kellu xi xoghol ta' gibs, u kien qabbad lil John Mary Borg biex jehodlu hsieb il-VAT, is-CIR hlasijiet. Huwa irrefera ghall-imputat, jghid li jafu personali u gieli ltaqgha mieghu. Jghid li '*dawn il-flejjes li hu kien ihallas lilu ma kienux imorru fejn suppost kienu jmorru, VAT jew 'whatever'. Naf illi kien hemm kawza fuq, naf illi kien hemm kawza fuq din pero' naf illi xhed u ma nafx l-ezitu taghha.*' Jikkonferma li l-klijent tieghu kien ihallas lill-imputat ghax kien jehodlu hsieb il-kotba ghall-VAT, fi kliemu 'L-'*accounts*' u '*hlasijiet ta' bolol eccetera.*'. Jghid li kien ghamel kwerela f'isem il-klijent tieghu biex jittiehdu proceduri fil-konfront tieghu. Jaf li ttiehdu proceduri pero' ma jafx l-ezitu. Jghid li kienu dahlu zewg hlasijiet, kien ircieva minghand l-imputat somma ta' elf jew elf u mitt lira maltin fil-letterbox. Jghid li kienu flus kontanti jghid li b'notament bhala pagament akkont ta' dak li kellu jinghata lil Joe Curmi. Jghid li kien hlas wiehed u kien hareg ircevuta ghalihom. Jghid li ma setghax jghid is-source tal-flus. Mistoqsi jekk jafx jekk Joseph Curmi dak iz-zmien kellux jiehu minghand haddiehor jghid li sa fejn jaf hu le. Jghid li certament minghand l-imputat

fuq dak li kellu jrodd lura tal-hlasijiet li kellu jaghmel lil VAT u lis-CIR li ma kienx ghamilhom u kien raddhom lura u kien parti mill-pagament, mhux anqas. Jghid li kienu parti minn dawk il-flejjes li gew misapproprijati li kien qed ihallashomlu lura.

Fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Charles Bugeja** in kontro-ezami li b'referenza ghal fol 37 ikkonferma li dawk jirraprezentaw pagamenti li kien qieghed jaghmel Joseph M Borg tal-ammont li kien dovut lilu. Jikkonferma li tah kollu li kien dovut lilu. Jikkonferma li ghandu hanut tal-haxix, li jixtri mill-Pitkalija u l-hlasijiet jaghmilhom hu u anke ta' kontijiet li jircievi. Jghid li Joe Borg fi kliem ix-xhud '*kien jghini bhala 'accounter'. Kien 'accountant' tieghi.*' Mistoqsi '*Kien 'accountant' tieghek. Meta tghid 'accountant' tieghek ghax hu m'ghandux professjoni, mhux 'accountant' proprjament*' wiegeb '*Mhux hekk.*' Ix-xhud jghid li meta kien jircievi l-karta tat-taxxa u tal-bolla kien jimlihomlu hu. Jghid li umbaghad jitlobni l-flus u jtihomlu u jmur ihallashom hu. Mistoqsi '*Issa l-'income' tieghek u l-'expenditure' tieghek min kien jahdimhomlok dawk?*' wiegeb '*Kollox hu.*' Mistoqsi fuq xiex kien jahdem jghid li kien jaghtih l-ircevuti. Jghid li habib tieghu, b'referenza ghal meta serquh jghid li qallu min hu u kkonferma li mar mieghu l-ghassa. Jikkonferma li kellu mumenti ta' dwejjaq u mistoqsi jekk jiftakarx li Joe kien fetah qalbu dwar diffikulta' li kellu ma certu Joe Sullivan li kien hadmu fil-flus wiegeb li kien semmilu xi haga izda nesa. Gie prezentat Dok. HA1 lista ta' pagamenti u Dok. HA2 sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulzija Vs Joe Mary Borg' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax(2013).

Fis-seduta ta' nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed l-**Ispettur Angelo Gafa'** fejn mistoqsi dwar l-istqarrija a fol 21 u dwar jekk jaqbilx li meta ttiehed l-istatement ma kellux l-assistenza ta' avukat, xehed li kif jirrizulta mid-data id-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) kienet ghadha mhiex effettiva dk l-emenda fil-ligi u ghaldaqstant kien inghata biss id-dritt li jekk ridt seta' ma jwegbix ghal mistoqsijiet li jsirulu u dak li jghid jista' jingib bhala prova. Jghid li kien wiegeb u kien anke ffirma l-istqarrija. Jghid li mill-fedina penali jirrizulta li ma kinitx l-ewwel darba li gie interrogat fil-kwartieri generali tal-pulizija u minn ufficjali ohra tal-pulizija. Jghid li hu stess kien investigah u interrogah u ressqu l-Qorti dwar kaz identiku ghal dan u kien jaf il-procedura kollha mill-bidu sal-ahhar. Jghid li dan qed jghidu in konsiderazzjoni ta' sentenzi ta' Qorti Kostituzzjonali.

Mistoqsi dwar li waqt l-interrogatorju kien ghamel referenza ghal certu John Sullivan jghid li ma jafx. Mistoqsi dwar li kien imsemmi mieghu mill-imputat f'drabi ohrajn jghid li jista jkun u mhux ser jichad u jispjega li jista' jkun li jafu ghaliex minn kawza ohra, jidhirlu f'kawza ohra mal-imputat, jahseb li giet esebita s-sentenza illum jidhirlu li d-difiza tellghet xi jew l-istess Sullivan jixhed. Jispjega li kull interrogazzjoni li ssir l-ewwel issir wahda verbali, dejjem wara t-twissija skont il-ligi umbghad issir wahda bil-miktub. Jekk issir bil-miktub dak li jghid l-imputat jitnizzel. Jghid li jekk jiftakar sew l-imputat kellu xi problemi dwar self ta' flus li ghamel lil haddiehor u dan jew xi investiment u kellu problemi biex jirkupra flusu lura. Jghid li lil Charles Bugeja ma ssospendilu l-ebda pagament, ghaddielu flus biex ihallaslu VAT, taxxi, FSS jekk jiftakar sew u dan flok hallas lil min kellu jhallas uzahom ghal uzu personali tieghu. Jghid li ma ssospendiex pagament izda flok hallashom lil dawn id-dipartimenti tal-Gvern zammhom ghalih personali.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-Employment and Training Corporation li prezenta lista tal-Employment History tal-imputat, immarkata bhala Dok JS1.

Fis-seduta ta' nhar is-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) rega xehed **Charles Bugeja** li ddikjara li '*Illum il-gurnata ssettjajna kollox ahna.*' Jghid li '*Issettiljajna kollox jiena u Joe. U dak kollox li kellu jtini tahomli u ghandi kollox.*' Jghid li kull xahar kien jaghtih cekk. B'referenza ghal fol 34 u 105[1] jikkonferma li l-firem kollha tieghu. Id-difensur qara '*Niddikjara li thallast ghas-saldu l-ammont li kien dovut minn Joseph Mary Borg u ghalhekk ma baqalix aktar pretensjonijiet ohra kontrih*'. Ix-xhud wiegeb '*Iva*'. B'referenza ghat-tielet kundizzjoni fl-iskrittura, mistoqsi kienx irtirax l-kwerela jghid li iva. B'referenza ghal fol 34 l-ittra datata d-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jikkonferma li kien irtira l-kwerela. Mistoqsi jikkonferma li llum ma baqghalux interess, jghid li '*Le xejn.*' Mistoqsi dwar meta kien inqala d-dizgwit kienu hbieb, jghid li kienu hbieb hafna. Mistoqsi kellux problemi l-imputat jghid li jahseb li kellu jiehu xi flus, jghid li jekk mhux jizbalja kien isemmi lil Sullivan. Mistoqsi dwar l-imputat, kienx hu innfisu vittma wiegeb iva. Jghid li '*..qalli kif indahhal inhallsek Chalie. Qalli hu pacenzja u ntihomlok.*' Ikkonferma li tahomlu kollha.

[1] Jirrizulta li fol 105 ghandu jaqra fol 106.

Fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed l-imputat **Joseph Mary Borg** li qal li ghandu erbgha u sittin (64) sena llum u li lil Charles Bugeja kien ilu jafu ghax trabbew fl-istess kwazi *area* l-Belt. Ikkonferma li kienu hbieb hafna. Jghid li '*Nghamillu l-qadi kollu li kellu bzonn u mmurlu kullimkien, pero' jigifieri umbghad meta beda jkollu l-inkwieta mal-familja ghintu hafna. Kien wasal fi stat ta' disprament ukoll u ghamilt dak kollu possibbli biex ma jmurx jghamel xi haga peress li kellu tfal zghar li ma tkunx konformi mal-hajja tal-bniedem. Il-qadi tieghi li kont nghamillu, mmur jigifieri kullimkien li kont nghamillu pero' jigifieri ma kontx involut fix-xoghol tieghu tal-business.*' Jghid li Charles Bugeja huwa greengrocer li jkabbar. Jghid li ghenu meta gie biex ikabbar il-hanut. Kien imur mieghu il-bank, jghamillu, jlestielu l-karti tal-bank. Jghid li kien il-Maltacom skirivan. Jghid li ma ghandux professjoni. Jghid li jaghmel bl-esperjenza. Mistoqsi Charles Bugeja kienx jinvolvih fl-amministrazzjoni tan-negozju tieghu jghid li assolutament xejn. Jghid li kollox hu kien jixtri, kollox hu kien ihallas. Jghid li hu kien jghamillu l-qadi. Jghid li kien imurlu l'hemm u l'hawn, ikollu xi karta, ikollu xi licenzja ta' xi karozzi, ikollu qadi f'dipartimenti. Mistoqsi '*U dan kif kont tghamlu? Kontra pagament?*'wiegeb '*Le, le xejn, konna nghamlu bhala hbieb jigifieri u dana kollu imma peress li jien ma kelli.*' Jghid li ilu rtirat mill-elfejn u tlieta (2003). L-Avukat difensur ikkumenta '*Mela kont tghamlu senza interessi*' wiegeb ghid li kien jghamillu bhala hbieb, li kienu hbieb sew. Jghid li kien jaghtih xi flus biex imur jaqdih, imur ihallaslu l-bollol u inzerta li gie zmien fejn u hu kien jaf bil-problema li kienet ilha gejja minn '90's', jghid li sfortunatament iltaqa ma certu John Sullivan. Spjega li '*Daqqa jghid illi hu John Sullivan u daqqa John Ellul Sullivan. Kien qalli biex nghinu nsiblu lil xi hadd, kienu fix-shipping. Kienu l-ufficini taghhom il-borza l-Belt u kont nafu di vista u konna gieli niltaqghu ghand tat-te' filghodu ghax kien hemm hanut tat-te' flok il-Lombard bank u qalli "ara ssiblix ix hadd jghini", qalli "ghax ghandna x-xoghol", qalli "u neqsini daqxejn mill-cash". Ghidtlu "iva", ghidtlu "l-importanti li jiena nghinek, insiblek lil xi* hadd, ghidtlu "imma inti trid tohrog ta' ragel lili u ta' ragel li min se jisielfek il-flus". Il-problema ghadha pendenti sallum ghax baqa' jghaddina biz-zmien. Jien it-terza persuna.'

Jghid li '*Jien sibtlu persuna biex jghinu ghax qalli li ghandhom bicca xoghol normali tax-xoghol taghhom fix-shipping. Dana qatt m'onora*'. Jghid li llum mejjet Michael Pisani. Jghid li ghenu, tah il-flus li talbu. Jghid li selfu. Jghid li baqa qatt ma halsu u Pisani kien habib tieghu u kien jghidlu '*Joe ara kif tirrangali, mqarr ittini xi haga inti*''. Jghid li

ghamlu kuntratti ma John Sullivan bil-kitba fuq self u kollox u qatt m'onora dan is-self. Jghid li ghamel ghalih hu u mill-ftit li kien ikollu kien jaghti lil Pisani. Huwa kkonferma il-kuntratt li sar fl-elf, disa' mija u wiehed u disghin (1991) u jghid li ma hallas xejn John Sullivan. Jghid li kellu jmur ghal ghajnuna psikjatrika. Mistoqsi mill-Avukat dwar l-elfejn u ghaxra (2010) meta irnexxielu jgib lil John Sullivan l-ufficju tal-Avukat jghid li kien intrabat li jtini dak kollu. Jghid li ma hallas xejn u ma ghamel xejn. Kopja tal-iskrittura privata hija mmarkata bhala Dok JB2 u kopja tal-messaggi ossia SMSs immarkati bhala Dok JB3.

Dwar il-kaz odjern mistoqsi mill-Qorti ghal liema skop tahomlu l-flus, jghid li '*Biex inhallaslu l-bollol tas-social service. U Chalie kien jaf. Kont nghidlu, kont nghidlu "dawn jekk il-Bambin irid ma ndumux ma nissettiljawhom" u kont nghidlu "ismghani tini naqra pacenzja, taf li ghandi dik il-problema"*. Mistoqsi x'ghamel bil-flus ta' Chalie Bugeja jghid li hallas spejjez ohra li kellu. Jghid l-hsieb tieghu kien '*Li ma Chalie Bugeja jigifieri mal-ewwel opportunita' fil-fatt li ssettiljajna ma Chalie Bugeja l-ewwel opportunita' li jkolli li ma Chalie nissettiljaw. Ma ridtx bl-ebda hsieb.*' Mistoqsi riedx jifrodah lil Chalie jghid li le. Jghid li '*Le fl-ebda hin. Jien kelli l-problema temporanja ghalkemm llum ghadha hemm imma jigifieri dan, imma ma Chalie kont deciz li jien b'dawk li kien itini ridt nissettiljahomlu u jigu kreditati lilu. Fl-ebda hin ma kelli l-iskop li niehodhomlu.*' Jghid li '*Kollox imhallas issettiljat, kollox u mxejna mal-ftehim li kellna u kif ghandu jkun bil-pagament.*' Jikkonferma li l-ftehim huwa Dok A4 a fol 35. Jghid li hallas lura lil Chalie Bugeja kull xahar. Jghid li kull l-ahhar tax-xahar kien jghaddi l-flus mill-pensjoni li jircievi lil Dr Antoncich u Dr Antonich johroglu c-cekk u hu kien jiehdu minghand Dr. Antoncich mill-ufficju tieghu. Jghid li qatt ma falla fih il-pagamenti. Jghid li fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) hallas l-ahhar ammont zghir fis-sens ta' mija u hamsin ewro (€150) li kien jghalaq il-kont bilancjat. B'referenza ghal fol 34 mistoqsi jekk cediex il-kwerela jghid li Chalie Bugeja kien talab lil Pulizija biex ma tkomplix ghaddejja bil-proceduri peress li sar dan il-kuntratt. Mistoqsi ghadux hbieb wiegeb li '*Insellimlu, jsellimli. M'ghandi l-ebda animosita' lejh. Lil Chalie darba wara li xehed hawn minn Gunju l'hawn, iltqajt mieghu xi tliet darbiet ghax jien inkun in-naha ta' fuq. Qalli "jien ghaggilt daqsxejn", qalli "skuzani". Ghidtlu "issa m'hemmx x'tista tghamel xejn", ghidtlu "issa naraw f'idejn il-Bambin"*. Spjega dwar meta Chalie Bugeja insteraq fil-hanut u kien mar ikellem lill-Ispettur.

Dwar hlasijiet u flus jghid li m'hijiex problema daqs kemm kienet qabel. Jghid li ghenuh hafna tal-familja u hekk u tal-familja ma jitolbukx flus lura u li jghix dejjem bl-ezatt minghajr kapricci. Irrakonta meta sab cekkijiet u rritornahom lura. Kopja ta' dawn ic-cekkijiet huma mmarkati bhala Dok JB4 u Dok JB5. Giet preentata wkoll att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu bejn Michael Pisani bhala kreditur, l-appellant bhala debitur principali u john elul Sullivanbhala garanti solidali.

In kontro-ezami dwar Charlie Bugeja ikkonferma li kien jahtih flus kontanti biex imur it-taxxa jew biex jaghmel minnhom xi uzu specifikat. Jikkonferma li kien tah elf u mitt lira maltin (LM1100) u bihom hallas lil Joseph Curmi. Mistoqsi ghal liema skop kien tah l-elf u mitt lira maltin Bugeja jghid li '*biex inhallaslu u l-pagamenti dues li kien ikollu.*' Jikkonferma li mal-Gvern. Dwar x'jinkwadra Curmi jghid li '*Kelli fost ir-ripple effects li kelli ta' John Sullivan, kelli individwi li kienu tawni xi flus u fil-fatt issettiljajt bihom.*' Jikkonferma li ma hallas it-taxxa bihom u mistoqsi '*Hallast, uzajthom ghal skop tieghek?*' wiegeb '*Dik hija l-verita' hux.*' Mistoqsi '*Naqblu wkoll illi kien hemm perjodu twil ta' din l-allegat ha nghidulha hekk. S'issa allegat misapproprjazzjoni? Illi Bugeja kien itik il-flus biex tmur thallaslu l-VAT u ghat-taxxa u inti kont tuzahom biex issodd toqob ohra tieghek personali?*' Wiegeb '*Ifhimni ftit. Personali fis-sens bhal Michael Pisani kien bniedem li kellu bzonn.*' Mistoqsi '*Personali. M'ghandhiex x'taqsam ma Bugeja?*' wiegeb '*Iva, iva.*'

Fis-seduta ta' nhar it-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed l-**Ispettur Joseph Mercieca** li mistoqsi jiftakarx lill-imputat Joseph Mary Borg, kkonferma li dwar serqa li grat il-Belt kien ta' informazzjoni b'mod kunfidenzjali. Jghid li kien tah xi informazzjoni dwar persuna partikolari li kien implikat, kien suspettat f'dan il-kaz u kien tah xi informazzjoni. Jghid li mxew fuq dik l-informazzjoni izda ma kinitx bizzejjed biex il-kaz jissolva fil-konfront ta' dik il-persuna li kienet indizjata fil-kaz ta' serq. Jghid li ghaddielu li kien jaf b'mod kunfidenzjali.

Ikkunsidrat;

Illi in breve il-fatti huma s-segwenti:

1. Charles Bugeja kien proprjetarju ta' hanut tal-haxix fil-Belt Valletta fejn ghal perjodu l-appellant kien jaghmillu certu qadi inkluz suppost il-hlas ta' ammonti dovuti lid-Dipartimenti tal-Gvern partikolarment hlas ta' Taxxa lil-Kummissarju tat-Taxxi

interni, hlas ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali u hlas lid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud;

2. Fis-sena elfejn u sebgha (2007), Charles Bugeja irealizza li l-flus li kien qieghed jghaddi lill-appellant ma kienux qeghdin jintuzaw biex jithallsu t-taxxi u ghall-iskop li hu kien tahom lill-appellant;

3. Irrizulta li fis-sena elfejn u sebgha (2007) u fis-snin ta' qabel[2] il-flus li l-kwerelant kien qieghed jghaddi lill-appellant kienu qeghdin intuzaw ghal skop iehor milli dak li gew moghtija lilu;

4. Charles Bugeja baghat ittra datata id-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejjn u tmienja (2008) lill-Ufficjal Investigatur Angelo Gafa kif tidher a fol 34 biex jinfurmah li l-appellant kien obbliga ruhu li jhallsu u li jixtieq jirtira l-kaz ghax ma ghandux interess fih. Gie esebit ukoll kopja tal-ftehim a fol 35;

6. Skont il-ftehim a fol 35, l-appellant kien ikkostitwixxa lilu nnifsu bhala debitur tal-kwerelant fl-ammont ta' tlettax-il elf, mija u erbgha u ghoxrin ewro u disa' centezmi (€13,124. 09) fejn kienu qablu fost affarijiet ohra li din is-somma ghandha tonqos bis-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) (LM300) fl-eventwalita' li l-kwerelant ikollu ezitu favorevoli fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Charles Bugeja' li skont l-iskrittura kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri);

7. Fl-istess ftehim l-appellant kien obbliga ruhu dwar kif kellhom isiru l-pagamenti filwaqt li l-kwerelant kien anke obbliga ruhu li jirtira l-kwerela u r-rapport li ghamel fil-konfront tal-appellant dwar ammonti mghoddija minnu lill-appellant biex ihallas pagamenti tas-Sigurta' Socjali u tat-taxxa dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u pagamenti tal-VAT u rrizerva d-dritt li jkompli bil-proceduri fl-eventwalita lil-appellant jonqos mill-obbligi tieghu kif miftiehma fuq l-iskrittura. Il-partijiet fuq dik l-iskrittura kienu ddikjaraw li salv dak premess fl-iskrittura ma ghandhom l-ebbda pretensjonijiet ohra l-wiehed kontra l-iehor;

8. Madankollu l-prosekuzzjoni xorta mexxiet bil-proceduri fil-konfront tal-appellant in vista tal-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[2] Bejn is-sena 2003 u s-sena 2007 skont ix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa' moghtija fit-18 ta' Dicembru, 2009

9. Il-kwerelant quddiem l-Ewwel Qorti ddikjara li l-appellant kien hallsu dak kollu li kellu jithallas, li kien irtira l-kwerela u kkonferma li ma baqalux interess.

Ikkunsidrat;

Illli l-ewwel aggravju tal-appellant jaqra li l-Ewwel Qorti ma messiex sabet lill-appellant hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih. L-appellant jissottometti li l-fatti kif sfolgew kellhom jinducu lill-Ufficjal Prosekutur biex ma jghatix bidu ghall-proceduri kriminali kontra l-appellant stante rinunzja sa minn qabel l-esponent tressaq il-Qorti mill-parti leza Charles Bugeja li jixtieq jirtira l-kaz ghax ma ghandux intetess fih skont l-ittra a fol 34 li skont l-appelllant wasslet ghall-estinzjoni tal-azzjoni kriminali ta' approprjazzjoni ndebita, addirittura sa minn qabel ma nbdiet.

L-appellant jghid li din kienet kawza dwar imputazzjoni ta' approprjazzjoni ndebita taht l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid li hija biss prosegwibbli fuq il-kwerela tal-parti filwaqt li ir-reat jigi prosegwibbli 'ex officio' taht l-Artikolu 294. Jghid li f'dan il-kaz l-aggravju ma jirrizultax u li kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova dan l-aggravju, haga li skont l-appellant il-Prosekuzzjoni ma skarikatx. Jghid li jirrizulta li ressaq prova dwar ix-xoghol li kien jaghmel u dak li kien jaghmel ma Bugeja kien fuq livell ta' hbiberija u gratuitatament. Jghid la huwa professjonist, la huwa fl-impjieg tal-parti leza u lanqas f'xi forma ta' kummerc. Issottometta li kien jaghmel l-appellant kien li jircievi l-flus minghand Bugeja biex ihallaslu xi kontiiet tat-taxxa u jiffrankalu l-kujijiet. Jghid li ma ngabitx prova li kien jithallas u ghalhekk ma kienx 'servizz' li jidhol fid-definizzjoni ta' servizz kif imsemmi fl-Artikolu 294. Jirreferi ghal fatt li din ir-rinunzja giet ikkonfermata anke mill-parti leza Charles Bugeja fil-mori tal-kawza kriminali.

L-appellant jissottometti li l-parti leza kien kieteb qabel nbdew il-proceduri li kien intlahaq ftehim u ffirmaw skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu u ghalhekk xtaq jirtira l-kwerela. Jissottometti wkoll li l-partijiet irriducew il-kwistjoni fi skrittura privata b'obbligazzjonijiet cari dwar pagamenti, ma baqghatx aktar kwistjoni ta' approprjazzjoni ndebita izda saret kwistjoni purament civili u li l-appellant onora l-obbligazzjoni tieghu skond l-iskrittura ffirmata u hallas l-ammont minnu dovut.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel nett din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jekk din tkun wahda li l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghaliha.

Tibda biex issir referenza ghall-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw:

*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Peter K/A Pierre Falzon (ID: 535060M)'**[3] fejn fost numru ta' konsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

*'Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Grech deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghal dak li qal l-Awtur Taljan* ***Luigi Maino***[4] *u dan spjega li : "Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Gunju, 2016 (Kumpilazzjoni Nru: 551/13)
[4] Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pag. 105 – 106. Illum, 16 ta' Gunju, 2016. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Din hija l-ewwel nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

*disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprjazzjoni indebita wiehed jifhem dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju , u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali** - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-"il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta' del propretario stesso e converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

*Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-*

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus John Gauci'**[5] dwar l-artikolu 293 tal-

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1997

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie kkunsidrat li-

*'Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu jew użu divers."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni'**[6] dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie kkunsidrat li:

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor."*

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tiddeciedi li kienet tezisti c-cirkostanza aggravanti taht l-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan tenut kont li tali azzjoni titmexxa *ex officio* u ghaldaqstant ma tkunx tirrikjedi l-kwerela tal-parti leza.

Illi skont l-ittra li tidher a fol 34 u mmarkata bhala Dok A3 il-kwerelant kien baghat ittra lill-Ispettur Angelo Gafa' fejn infurmah li *'lhaqt ftehim mas-Sur Joseph Mary Borg li obbliga ruhu li jhallasni u ghaldaqstant nixtieq nirtira l-kaz ghax m'ghandix aktar interess*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998

*fih.'* Skont l-iskrittura li tidher a fol 35, immarkata bhala Dok A4 u datata t-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-parti leza Charles Bugeja u l-appellant kienu dahlu fi ftehim fejn l-appellant kien ikkostitwixxa ruhu bhala debitur tal-kwerelant u fejn fost affarijiet ohra l-kwerelant Charles Bugeja kien obbliga ruhu li jirtira '*l-Kwerela u r-Rapport li hija ghamlet kontra l-Ewwel Parti mal-Kummissarju tal-Pulizija, Sezzjoni tal-Frodi, dwar ammonti allegatament mghoddija minnu lill-Ewwel Parti biex din thallsilha l-pagamenti tas-Sigurta' Socjali u t-taxxa dovuta lid-Dipartiment tat-Taxx Nterni u pagamenti tal-VAT, b'dana pero li t-Tieni parti qed tirrizerva d-dritt li terggha tkompli bl-istess proceduri fl-eventwalita' li l-Ewwel Parti jonqos mill-obbligi taghha kif miftiehma fuq dina l-iskrittura.*'

Illi kif jirrizulta a fol 37 u 106 gew prezentati lista ta' pagamenti li saru mill-appellant a favur il-parti leza. F'dan ir-rigward, il-kwerelant, Charles Bugeja xehed diversi drabi quddiem l-Ewwel Qorti. Fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehed u spjega li '*Dan kien bhala accountant tieghi, jghinni fit-taxxa u jimlieli l-karti tal-VAT u hekk kollox u kont inhalli kollox f'idu u ma kienx ihallashomli u ma kontx naf hux.*' Mistoqsi '*Kien jehodlok hsieb in-negozju tieghek bhala accountant ghidt hux hekk?* wiegeb '*Iva*'. Mistoqsi kemm ilu bejn wiehed u iehor wiegeb '*Ilni naf minn xi 1973. Imbghad kien waqaf*'. Mistoqsi '*Liema perjodu waqaf? Jekk nghidlek li kien waqaf bejn 2000 u 2002*' wiegeb '*Xi 4 snin kien waqaf. Imbghad rega qabad*'. Mistoqsi '*Pero tikkonferma li bejn 2003 u 2007 kien hu qed jehodlok hsieb l-amministrazzjoni tal-hanut tieghek*' wiegeb '*Iva*'. Mistoqsi '*Inti ghidt li kont taghtih il-flus bhala li kien l-accountant tieghek*' wiegeb '*Iva*' u ghal mistoqsija '*Il-flus ta' xiex kont taghtihomlu?*' wiegeb '*Tat-taxxa u tal-bolla*'. U jkompli jghid '*U tal-VAT*'.

Dwar l-ittra mmarkata bhala Dok A3 li tihder a fol 34 spjega li '*diment li jaghtihomli jiena nahfirmlu*'. Mistoqsi kitibiex hu jew haddiehor l-ewwel wiegeb li hu umbghad li mhux hu personali umbghad jghid li habib tieghu izda fi kliemu '*Tghidlix min hu*' mistoqsi jekk hux Avukat jghid li lanqas jaf. Fis-seduta ta' nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) Charles Bugeja xehed in kontro-ezami fejn ikkonferma li thallas kollox. Dak in-nhar dwar l-appellant xehed li '*kien jghini bhala 'accounter'. Kien 'accountant' tieghi.*' Mistoqsi '*Kien 'accountant' tieghek. Meta tghid 'accountant' tieghek ghax hu m'ghandux professjoni, mhux 'accountant' propjament*' wiegeb '*Mhux hekk.*'

Mistoqsi:

*Avukat: 'Kien jahdem dak iz-zmien it-'TeleMalta' u issa naghmlu l-prova taghha din. Pero x'kien ghamillek allura?*

*Xhud: Kien meta kont norcievi l-karta tat-taxxa, u tal-bolla kien jimlihomli hu.*

*Avukat: Kien jimlihomlok hu. U kien imur bih il-hlas hu, x'kien jaghmel?*

*Xhud: U hu umbaghad jitlobni l-flus u ntihomlu u jmur ihallashom hu.*

*Avukat: Issa l-'income' tieghek u l-'expenditure' tieghek min kien jahdimhomlok dawk?*

*Xhud: Kollox hu.*

*Avukat: Kollox hu. Ittih l-ircevuti.*

*Xhud: Kollox hu.*

*Avukat: Iva imma l-ircevuti kont tatihomlu inti*

*Qorti: Fuqiex kien jahdem hu? Inti kont ittih xi haga biex jahdem fuqha:*

*Xhud: L-ircevuti biss kont intih jiena*'.

Huwa kkonferma wkoll li l-appellant habib tieghu. Charles Bugeja rega xehed fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ikkonferma li '*Issettiljajna kollox jiena u Joe. U dak kollox li kellu jtini tahomli u ghandi kollox.*'[7] Huwa kkonferma wkoll li kien irtira l-kwerela u li llum ma baqalux interess.

F'kaz r-reat kien jaqa unikament taht l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr l-aggravanti tal-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-procediment kien jigi dikjarat bhala wiehed ezawriet tenut kont li r-reat kontemplat fl-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitmexxa biss bil-kwerela tal-parti leza. Din il-Qorti pero hija tal-fehma li mix-xhieda tal-parti leza s-servizz li kien jipprovdi l-appellant kien imur oltre s-semplici '*pjacir*' fejn jaqdi lil kwerelant. Huwa l-kwerelant stess li minkejja li ma jirrizultax li l-appellant ghandu l-professjoni ta'

accountant, issejjahlu '*accountant*' tant li jikkonferma li jamministralu l-hanut, li jiehu hsieb li jimla l-karti tat-taxxi, l-*expendtiure sheet* u fi kliem il-parti leza '*kollox hu*'. L-appellant fix-xhieda tieghu prova jaghti x'jifhem mod iehor tant li jghid likien semplicement jaqdih ossia fi kliemu '*Kont naqdih..*', '*Immurlu l'hemm u l'hawn. Ikollu xi karta, ikollu xi licenzja ta' xi karozzi, ikollu qadi f' dipartimenti.*' L-appellant meta mistoqsi jekk kien jinvolvih fl-amministrazzjoni tan-negozju tieghu wiegeb '*Le, le, assolutament xejn. Kien jghidli "ghandi din il-karta."*' Meta mistoqsi jekk kienx jaghmel dan kontra pagament jghid li le kien jaghmlu bhala hbieb. Jghid li ilu rtirat mill-elfejn u tlieta (2003). In kontro ezami jikkonferma li l-kwerelant tah flus biex ihallas pagamenti lil Gvern u jikkonferma li ma hallas it-taxxa u li minflokk uzahom ghal skop tieghu. Gie anke prezentat '*employment history*' mir-raprezentant ta' dak iz-zmien l-Emloyment and Training Corporation kif jidher a fol 127 et seq bhala konferma li fiz-zmien in kwistjoni l-appellant ma kienx fl-impjieg. Minn dan id-dokument jirrizulta li fil-passat kien ghamel zmien twil jahdem id-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

Ikkunsidrat;

L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Concetta Charles'[8]** fejn f'dik il-kawza:

'*Illi nhar l-1 ta' Lulju 2014 dehru l-allegat vittmi Carmelo u Catherinu konjugi Mifsud li ddikjaraw li huma qeghdin jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u jiddikjaraw ulterjorment illi m'ghandhom l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputata.*

*Id-Difiza qed tezenta lill-Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq kull prova ohra dwar ir-rapport tal-kwerelanti u tar-rifjut tal-jedd ghall-parir legali u dwar il-volontarjeta tal-istqarrija maghmula mill-imputata.*

*Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara stante ir-rinunzja tal-parte civile l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.*'

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Lulju, 2014 (Numru 85/2014)

Jirrizulta li dik is-sentenza giet appellata mill-Avukat Generali u f'sentenza moghtija ricentement[9], il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat il-proceduri bhala preskritti u ghaldaqstant cahdet l-appell tal-Avukat General u kkonfermat is-sentenza appellata.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Gafa') Vs Charlo' Farrugia'**[10] fejn dwar l-artiolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie kkunsidrat li:

*'Mhux l-istess pero' ghar-rigward tac-cirkostanzi agravvanti kontemplati fl-artikolu 294, ghaliex din il-Qorti mhux sodisfatta li jirrizultaw l-ipotesijiet kontemplati f' dan l- artikolu jew uhud minnhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li l-appellat kien speci volontarjament indahal biex jghin lill- parte civile ghax dan kien dizabilitat ma jirrendihx necessarjament li f' dak li ghamel kien qed jagixxi "minhabba...l-kariga jew servizz tieghu" kif qed jipprospetta l-Avukat Generali, fir-rikors tal-appell.'*

Illi nonostante li l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li l-kwerelant kien jhallas lil appellant ghas-servizz li kien jiprovdilu, dan ma jbiddel xejn minn dak ikkontemplat fl-artikolu 294. Il-hlas mhuwiex rekwizit sine qua non. Ta' relevanza hu l-fatt li anke kif jirrizulta mill-*employment history* a fol 127 et seq, l-appellant ghalkemm mhux fil-perjodu ta' meta sehh l-allegat reat, kien ghamel zmien twil jahdem fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Ta' relevanza huwa wkoll il-fatt li l-appellant instab hati diversi drabi ghall-istess reat b'fatti simili. Mis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Mary Borg'**[11] moghtija fil-konfront tal-appellant innifsu (kopja tinsab a fol 107 et seq) jirrizulta li dik il-kawza ukoll kienet si tratta ta' fatti simili tant li l-appellant kien jiehu hsieb il-kotba tan-negozju tal-partijiet lezi. Dik il-Qorti kkunsidrat:

*'Irrizulta mill-provi illi l-appellant Joseph Maria Borg huwa ex impjegat tac-Civil, irtirat, u jiehu hsieb il-kotba tan- negozju ta' diversi persuni, fosthom Joseph Curmi mill- Belt Valletta, kif ukoll is-socjetà BMIT Limited. Irrizulta illi bejn l-erbgha (4) ta' Lulju tal-elfejn u hamsa*

[9] Sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Concetta Charles' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Ottubru, 2018 (Appell Numru: 317/2014)
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Jannar, 2009 (Appell Kriminali Numru. 386/2007)
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (Appell Numri: 353/2010 & 358/2010)

*(2005) u s- sebgha (7) ta' Dicembru tal-elfejn u sitta (2006) Joseph Curmi kkonsenja ammont ta' flus fl-ammot ta' elfejn, tmien mija tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,823.80) lill-appellant sabiex ihallas xi pendenzi illi kellu mad-Dipartiment tal-VAT. Izda l-appellant m'ghamel xejn minn dan u dawwar il-flus fi profitti ghalih. L-istess ghamel fir-rigward tal-flejjes mghoddija lilu minn Emanuel Bonnici f'isem is-socjetà BMIT Limited fejn flejjes li suppost kellhom jigu mhallsa lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali spiccaw biex gew indebitament approprijati mill- appellant billi dawwar l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) ghalih personali u ghamel uzu divers minnhom minn dak illi ghalihom kienu fdati ghandu.'*

Ta' relevanza hija ukoll sentenza ohra moghtija kontra l-appellant ossia dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Bernard Zarb v Joseph Mary Borg'**[12] (kopja tinsab a fol 23) fejn f'dak il-kaz kien approprija ruhu billi dawwar ghalih bi profitt il-flus fdati lilu bl-obbligu li jsir uzu minnhom specifikat u cioe li l-flus jigu depositati f'kont bankarju f'isem l-kwerelanti l-Ingilteri, haga li l-imputat qatt ma ghamel. Dik il-Qorti kienet anke kkunsidrat:

*'Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' appropriazzjoni bla jedd skond l-artikolu 293 tal-Kap 9 pero l-Avukat Difensur sostna li din l-akkuza ma tistax tirrizulta ghaliex il-kwerela tal-vittma John Mary Portelli giet irtirata minnu u in vista tal-proviso ta' dan l-artikolu, 'ebda procediment kriminali ma jista jinbeda ghal dan d-delitt hlief bi kwerela tal-parti.'*

*Illi pero li ma qalx l-Avukat Difensur hu li dan r-reat hu aggravat peress li l-flus li gew fdati lilu, gew hekk ikkunsinnati minhabba s-servizz tieghu li kellu ta' skrivan li jimla l-formola tat-taxxa. F'dan il-kaz ghalhekk jiskatta l- artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Pulizija Ezekuttiva tmexxi l-azzjoni kriminali ex officio.'*

Ghalhekk jirrizulta li l-appellant kien jimla formoli ta' taxxi u jipprovdi servizzi ancillari mhux biss lil kwerelant Charles Bugeja izda lil anke persuni ohra f'okkazzjonijiet ohra. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata gustament ikkunsidrat li:

*'Mill-provi migjuba quddiemha, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li Bugeja kien jafda lill-imputat minhabba l-esperjenza li kellu fic-civil, ghalkemm ma kellux kwalifiki formali, u kien*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-18 ta' Jannar, 2005

*ghalhekk li kien qabdu johodlu hsieb jimlilu l-formoli u jiehu il-hlasijiet dovuti lil varji dipartimenti tal-Gvern. Konsegwentement, l-imputat certament kien qed jaghti servizz lil Bugeja ai termini tal-Artikolu 294, u konsegwentement l-aggravju tal-approprjazzjoni indebita gie debitament pruvat mill-Prosekuzzjoni.*

*Mill-provi jirrizulta li dan huwa kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita kif kontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. L-imputat jammetti li hu kien juza l-flus li Bugeja kien itih mhux biex ihallas lid-dipartimenti tal-Gvern, izda ghal uzu personali tieghu. '*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ohra fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Maurice Curmi) Vs Concetta Charles'**[13] fejn f'dik is-sentenza gie kkunsidrat li:

*'Jekk wieħed jifli d-dokument a fol 37 (il-kuntratt jew skrittura oriāinali), jara li lejn it-tmiem tiegħu nsibu dan il- kliem:*

*29 ta' Novembru 2005*

*Dehru l-partijiet u **rrexxindew** għal kull fini u effett tal-Liġi din l-iskittura.*

*L-imsemmija Concetta Charles tobbliga ruħha li tirrifondi s-somma ta' ħamest elef u ħames mitt lira (Lm5,500) imħallsa lilha mill-komparenti miżżwewġin Cassar fqu l- iskrittura privata sal-31 ta' Diëembru 2005.*

*Sad-data tad-29 ta' Novembru, 2005, l-ewwel kuntratt kien għadu fis-seħħ u t-tleit snin stipulati fih kienu jispiċċaw fis- 17 ta' Settembru 2007.*

*Effettivament, il-partijiet neħħew min-nofs l-obbligazzjoni antika – jien intik il-flus u inti ġġibli tifla għall-addozzjoni – u minflok daħlu f'obbligazzjoni oħra. Din id-darba l-obbligazzjoni hija ġdida għal kollox għaliex issa saru kanonizazzjoni ta' kreditu. (fol 39).*

*Isegwi li mid-29 ta' Novembru 2005 saret novazzjoni (ai termini tal-artikolu 1179(a) u 1180(2) tal-Kap 16 li biha ntemmet l-obbligazzjoni li kienet ezistenti qabel u sar kuntratt ġdid.*

*Minn meta sar il-ftehim wieħed ma jistax iqis aktar li hija kwistjoni ta' approprijazzjoni*

---

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Gunju, 2011 (Appell Kriminali Numru. 319/2010)

*indebita iżda hija kwistjoni biss ta' kreditu li għadu ma ġiex onorat.* ***Għal dan jeżistu l-mezzi ċivili kollha biex dan il-ftehim ikun inforzat*** *bħalma jsir normalment. Kull meta qed tgħid li hi lesta li tħallas qed awtomatikament tinterrompi jew tirrinunzja għall-preskrizzjoni li għaddiet. Mhux kull obbligu kontrattwali li ma jkunx onorat iwassal bil-fors għar-reat ta' approprijazzjoni indebita.'*

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata korrettament ikkunsidrat li l-fattispjecje ta' dak il-kaz ma jattaljawx ghal kaz odjern stante li f'dak il-kaz kienet saret novazzjoni tal-kuntratt qabel saret il-kwerela. Filwaqt li fil-kaz odjern, il-ftehim bejn l-appellant u l-kwerelant sehh wara li saret il-kwerela u wara li bdiet tinvestiga ghalkemm qabel ma tressaq quddiem il-Qorti. In oltre, fil-fehma ta' din il-Qorti is-sentenza kwotata ghandha fatti kwazi kompletament diversi minn din in ezami.

L-Ewwel Qorti ghamlet ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Francis Camilleri'**[14] fejn gie kkunsidrat li:

*'It-tielet aggravju ta' l-apellant hu fis-sens li galadarba dak li kien dovut minnu lil Mifsud kien gie, bi ftehim liberu bejn il-partijiet, ridott ghal semplici dejn u kreditu civili/kummercjali, Mifsud ma setax jitlob, permezz ta' kwerela, li jittiehdu passi kontra tieghu. Fi kliem iehor l-appellant qed jippretendi li kien hemm xi forma ta' rinunzja implicita jew tacita da parti ta' Mifsud ghall-proceduri penali. Dana l-aggravju kien ikollu xi validita` u kien jigi ezaminat bir-reqqa minn din il-Qorti li kieku r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet kienu reati li jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza. Pero` dan ma huwiex il-kaz. Ir- reat ta' truffa (Art. 308, Kap. 9), kif ukoll ir-reat minuri ta' frodi innominata (Art. 309) huma dejjem prosegwibbli ex officio mill-Pulizija Ezekuttiva. Huwa veru li r-reat ta' approprjazzjoni indebita (Art. 293) huwa normalment prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti, pero` fil-kaz in dizamina qed jigi ipotizzat ukoll l- aggravju kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali li jirrendi dak ir-reat prosegwibbli ex officio. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.*

*Ir-raba' aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li hu qatt ma seta' jigi misjub hati skond it-tieni imputazzjoni. Din l-imputazzjoni hi fis-sens li huwa dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor is-somma ta' aktar minn LM2,160 li allegatament kient gie fdata jew ikkunsinnata lilu bl-obbligu "tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat". Skond l-appellant, fl-allegat reat ta' approprjazzjoni indebita ma kien hemm ebda somma ta' flus involuta, izda,*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Gunju, 2001 (Appell Nru 247/2000)

*skond ma rrisulta mill-provi, kwantita` ta' injam. Din il-Qorti hi tal-fehma li dana l-aggravju hu fondat. Ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' hames mitt lira li Mifsud silef lill-appellant, ma hemmx dubbju li fir-rigward ta' din is-somma ma hemm ebda kwistjoni ta' approprjazzjoni bla jedd. Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei,*

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).*

*Fl-kaz in dizamina, Mifsud silef il-hames mitt lira lill-appellant biex l-appellant jaghmel bihom dak li jidhirlu hu fl-interess tan-negozju tieghu; fi kliem iehor l- appellant, appena ha materjalment f'idejh dawk il-flus, sar is-sid taghhom, u d-dejn li kien qed jigi kostitwit kien semplici dejn ta' natura civili. In-nuqqas ta' l-appellant li jhallas lura din is-somma ta' hames mitt lira lil Mifsud kien jaghti lok biss ghall-proceduri civili, izda mhux ghal proceduri penali taht l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali. Din kienet l-unika somma ta' flus li giet mislufa. Ma kien hemm ebda somma ta' flus ohra li Mifsud ghadda lill-appellant. Dak li jirrisulta li tah (oltre l-hames mitt lira appena imsemmija) kien kwantita` ta' injam. It-teni imputazzjoni ma ssemmi ebda injam jew oggett iehor ghajr flus. Quddiem l-ewwel qorti ma jirrisultax li l-prosekuzzjoni talbet xi korrezzjoni f'din it-tieni imputazzjoni u, kif inhu risaput, f'dana l-istadju ta' appell ebda ebda korrezzjoni ma hi ammissibbli fl-imputazzjoni jew imputazzjonijiet. Ghal din ir- raguni, u ghal din ir-raguni biss, l-appell jimmerita li jintlaqa'.*

Din il-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe ftehim li sar bejn l-appellant u l-kwerelant f'dak li jirrigwarda proceduri penali prosegwibbli *ex officio* jista' biss jittiehed in konjizzjoni meta l-Qorti tigi biex tikkunsidra l-piena. Ghalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib l-imputat hati kemm taht l-artikolu 293 u l-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk nonostante l-iffirmar ta' ftehim bejn l-appelant u l-kwerelant, l-irtirar tal-kwerela u l-konferma viva voce quddiem l-Ewwel Qorti da parti tal-kwerelant li thallas u li ma ghandux interess, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u dan bic-cirkostanzi aggravanti kif jiprovdi l-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti sejra tikkunsidra t-tieni imputazzjoni fil-kunsiderazzjonijiet taghha tat-tieni aggravju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-appellant fejn l-appellant jissottometti li l-appellant kien gia' tressaq il-Qorti fi proceduri precedenti decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013)[15] kif jidher mis-sentenza esebita a fol 106 fejn fost akkuzi kien anke akkuzat li '*kkommettejt reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar it-18 ta' Jannar 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.*'

L-appellant jissottometti li ghalhekk ma setghax jerga jitressaq fuq l-istess akkuza halli s-sentenza tat-tmintax (18) ta' Jannnar 2005 terga' ghal darba ohra tigi reza operattiva. Jghid li dan huwa bil-ksur tal-principju 'ne bis in idem'. Jispjega li fis-sentenza moghtija fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013), il-Qorti kienet sabet l-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih fejn kienet irrevokat dik il-parti tal-piena fejn ikkundannat lill-imputat biss ghal ghaxar xhur prigunerija, u kkundannat lill-appellant ghal tmintax (18) -il xahar prigunerija. Jghid li '*gia' patta ghaliha*' bi tmintax (18) il-xahar prigunerija u ghalhekk jghid li abbazi tal-principju '*ne bis in idem*' huwa fi kliemu ma ghandux jerga jirrispondi ghaliha u jerga jpatti ghaliha.

F'dik il-kawza ossia fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Mary Borg'**[16], l-appellant kien akkuzat li:

'*talli f'dawn il-Gzejjer bejn l-4 ta' Lulju 2005 u is-7 ta' Dicembru 2006 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga li jsir uzu minnha u cioe' ha u zamm ghandu elfejn tmin mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2823.80), ghad-dannu ta' Joseph Curmi mill-Belt Valletta; Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Gunju 2007 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni*

[15] Appelli numri 354/2010 u 358/2010

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (Appell Numri: 353/2010 & 358/2010)

*wahda approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha u zamm ghandu elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) ghad-dannu tas-socjeta BMIT Limited.*

*U aktar talli b'hekk ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal- Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar it-18 ta' Jannar 2005, liema sentenza saret definttiva u ma tistax tigi mibdula.'* '(Sottolinear mizjud)

Kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali kienu appellaw mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti. Parti mill-aggravji tal-Avukat Generali skont is-sentenza kien li '*Inoltre, fl-umli fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma appliaktx kif jixraq id-dispozizzjonijiet tal- artikolu 28 tal-Kodici Kriminali. Bid-dovut rispett, f'dan il- kaz, il-Qorti kellha quddiemha persuna li kkommettiet ir- reat do quo fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, u ghalhekk is-sentenza sospiza kellha tigi dikjarata li bdiet issehh ai termini tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali.*'

Fid-decide ma jirrizultax li s-sentenza sospiza giet reza operattiva izda l-Qorti tal-Appell kienet iddeciediet li:

'*Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l- appell tal-Avukat Generali, tikkonferma s-sentenza tal- Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, tirrevokaha f'dik il-parti relattiva ghall-pieni fejn ikkundannat lill- appellat ghal ghaxar (10) xhur prigunerija u minflok, ghar- ragunijiet fuq imsemmija, tikkundanna lill-appellat ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax-il (18) xahar.*' (Sotttolinear mizjud)

Rigwardanti dan il-punt, l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkunsidrat li:

'*Rigward it-tieni imputazzjoni, u cioe li l-imputat ikkommetta dan ir-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, din ukoll giet debitament ippruvata. Pero, fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li din is-sentenza sospiza giet reza operattiva bis-sentenza tal- Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Marzu 2013, ghax inghata sentenza ta' prigunerija ta' tmintax(18)-il xahar. Pero minn qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jirrizulta ampjament li dawn it-tmintax (18)-il xahar prigunerija inghatawlu bhala piena ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita aggravata, u l-Qorti tal-Appell Kriminali, probabbilment bi*

*zvista, mkien ma semmiet li qed tirrendi s-sentenza sospiza operattiva.*'

L-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll:

'*Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun il-minima, li fic-cirkostanzi tal-kaz hija dik ta' tmintax(18)-il xahar prigunerija, u hija obbligata li tirrendi operattiva s-sentenza sospiza.*'

Ikkunsidrat;

L-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.*'

Filwaqt li l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li:

'*Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*

*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta'*

*dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*'

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghat-tghalim gurisprudenzjali rigwardanti l-principju tan-*ne bis in idem*. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Supretendent Martin Bayliss) vs. Richard Spiteri'</u>** [17] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

'*Il-Prof. Anthony Mamo, fin-noti tieghu dwar il-procedura kriminali jghid hekk:*[18] *"The rule*

[17] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru, 2014 (Numru. 1046/2005)
[18] Ara Notes on Criminal Procedure pag. 43 et seq. (Din in-nota ta' qiegh il-pagna hija enumerata bhala tnejn (2) fis-sentenza citata)

*is plain: but considerable difficulties may arise in its application. What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/18) Law Reports Vol.XXIII-I-1077, H.M.s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita." In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgement was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial. In the case above- quoted, the previous charge against the defendants had been of adultery and they had been found guilty but exempted from punishment on account of tacit remission on the part of the complainant. Relying on the same facts the prosecution charged them again with defilement of minors. The Court admitted the plea of "res judicata" because the fact was substantially the same even though certain circumstances not mentioned in the previous indictment were included in the subsequent indictment. ... ..."*

*Il-Prof. Mamo ikompli jispjega illi:*[19] *"It may happen that one and the same fact may give rise at the same time to violations of several provisions of the law so as to create several grounds of incrimination. By "fact" it was explained in "Rex v. Rosaria Protellli" (C.C. 23/2/1904 – Law Reports, Vol. XIX, p. IV, p.1) – "La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresso non intende il fatto semplicemente storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso." In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in "Rex v. Portelli" above-quoted, has since become settled law. ... ...*

*But it must be strongly emphasized that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953). The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr. App. "Pol. vs. Saliba 28/02/1953 and "Pol. vs.*

[19] Ara ibid. pag. 45. (Din in-nota ta' qiegh il-pagna hija enumerata bhala tlieta (3) fis-sentenza citata)

*Cassar" 9/1/1954; cfr. also Cr. App. "Police vs. Attard" 17/06/1950.) ... ..." (sottolinear tal-awtur)'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Mahmud Abudumehdn Tarek'**[20] dwar li '*gie ppresentat ir-rikors aktar 'l fuq imsemmi tal-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz tieghu il-Qorti Inferjuri regghet in effetti giet mitluba sabiex titratta ma' Tarek talli, permezz tar-reati minnu kommessi fit-28 ta' Mejju, 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data, huwa gie li kommetta reati li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza. Il-Pulizija invokat f'dan ir-rigward l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali.*'

Gie kkunsidrat li:

'*Fil-kaz in dizamina, dak li sehh jinkwadra perfettament fl-Artikolu 527 imsemmi. Fit-30 ta' Mejju, 2001 Tarek gie imputat b'fatt partikolari u specifiku, u cioe` li, permezz tal-kommissjoni minnu ta' zewg reati (pussess tar-raza tal-cannabis u attakk u resistenza) fit- 28 ta' Mejju, 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data, huwa kien kiser il-kundizzjoni tas-sospensjoni tas-sentenza ta' prigunerija fuqu inflitta fil-5 ta' April, 2000. Minn din l-imputazzjoni – li, kif inghad, ma hix imputazzjoni ta' reat izda imputazzjoni ta' fatt li, jekk tirrisulta pruvata, jkollha certi konsegwenzi – Tarek gie lliberat (bis-sentenza tal-21 ta' Gunju, 2001). Ghalhekk Tarek ma setax ghal dak l-istess fatt jigi assoggettat "ghal kawza ohra", cioe` ghall-kawza promossa mill-Kummissarju tal-Pulizija bir-rikors tieghu tal-20 ta' Awissu, 2001 u li ntemmet bis-sentenza appellata. S'intendi, li kieku kellu jirrisulta pruvat li huwa kkommetta xi reat jew reati ohra (li ghalihom hemm piena ta' prigunerija) jew l-istess tip ta' reati izda f'xi zmien iehor (cioe` f'periodu differenti mit-28 ta' Mejju, 2001 u l-granet ta' qabel) pero` dejjem fil-periodu operattiv ta' tlett snin tas-sentenza sospiza tal-5 ta' April, 2000, huwa jibqa' passibbli ghall-proceduri sabiex tigi attivata dik is-sentenza sospiza.*'

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridine Zammit) (Spettur Louise Calleja) vs Omissis Donna Camilleri'**[21] gie kkunsidrat li:

'*L-ewwel aggravju tal-appellanta huwa dwar il-hdax-il imputazzjoni u tinvoka l- principju ta' ne bis in idem in rigward. Il-hdax-il imputazzjoni tghid hekk: "Ikkomettiet reat waqt il-perjodu*

[20] Deciza mill-qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Lulju, 2002 (Appell numru: 144/2002)
[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Frar, 2016 (Appell Nru: 436/2014)

*operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D datata 25 ta' Awissu, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tkun mibdula". L-appellanta ma tghidx meta kienet gia inghatat sentenza ohra fuq l-istess imputazzjoni la fir-rikors taghha u wisq anqas fis-sottomissjonijiet mill-abbli difensur taghha fis- sottomissjonijiet orali. L-appellanta ressqet dan l-argument b'mod mill-aktar legger minghajr ma tindika meta kienet gia inghatat sentenza in rigward u issa bhal donnu tistenna lill-Qorti tfittex hi meta sehh dan, jekk verament sehh. Minkejja dan, u minhabba l-aspett kostituzzjonali tal-prinicpju ta' ne bis in idem, l- Qorti fliet l-atti processwali u jirrizulta illi fil-25 ta' Awissu, 2012 l-appellanta kienet misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kienet ikkundannata ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghall-erba snin fit- termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Minn dakinhar, u skond il-fedina penali aggornata taghha, l-appellanta kienet misjuba hatja diversi drabi ohra mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Fit-30 ta' April 2015 kienet misjuba hatja inter alia tal-istess imputazzjoni mertu tal-gravami in dizamina. Pero' qabel dik l-okkazzjoni l-appellanta qatt ma kienet misjuba hatja tal-istess imputazzjoni in diskussjoni u ghalhekk ma tistax issa tghid li bis-sentenza hawn skrutinata tat- 23 t'Ottubru 2014 gia kienet gudikata fuq din l-imputazzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Anthony Migneco</u>'**[22] saret referenza ghal numru ta' sentenzi u tghallim rigwardani il-principju tan-*ne bis in idem*. Dik il-Qorti kienet ikkunsidrat ukoll li:

'*Fis-sentenza li nghatat fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppe Pace nhar it-28 ta' Jannar 1939 inghad li:-*

*"Whenever by means of the same facts ....two or more rights are violated, there is only a single offence, and the lesser offence is absorbed in the graver one; if the offender be charged with the lesser offence and the judgment is pronounced (emphasis by the author) thereon, then he cannot be any longer charged with the graver offence nor can any heavier or other punishment, be inflicted on him."*'

[22] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Gunju, 2014 (Numru: 274/2010)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Joseph Grech) versus Eugenio Said'**[23], gie kkunsidrat li: '*...huwa elementari illi jekk kien hemm l-eċċezzjoni ta' ne bis in idem, l-ewwel haġa illi kellha ssir hija li tiġi infilzata fil-proċess kopja legali tas-sentenza li fuqha kienet qiegħda tiġi bbażata l-eċċezzjoni...*' Fil-kaz odjern kienet giet prezentata kopja informali tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif jidher a fol 107 u mmarkata bhala Dok HA2, madankollu l-Ufficjal Prosekutur skont il-verbal tas-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li s-sentenza hija wahda informali.

Din il-Qorti filwaqt li ma taqbilx mal-appellant meta jissottometti li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[24] kien 'gia' atta ghalija bi 18-il xahar prigunerija' peress li tali piena kienet tirrigwarda l-imputazzjoni dwar ir-reat li kien qieghed jigi mixli dwaru u mhux dwar li dan gie kommmess waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospiza, madankollu in osservanza tal-principju ta ne bis in idem, in vista li l-appellant kien mixli bl-istess fatt u misjub hati anke jekk dik il-Qorti[25] probabilment bi zvista naqset milli tiddikjara dik is-sentenza sospiza bhala operattiva, l-Ewwel Qorti fis-sentenza appeallata ma setghetx terga tiggudika lill-appellant ghall-istess fatt. Irrespettivament jekk Qorti f'sentenza tkun sabet lil dak li jkun hati jew illiberatux minn tali akkuza, dak li huwa relevanti huwa l-fatt li l-ewwel ikun hemm sentenza moghtija fil-konfront tal-istess persuna li hija res gudikata u ghalhekk ma jistax jerga jigi aggudikat dwarha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda tilqa' dan it-tieni aggravju ghar-ragunijiet indikati f'din is-sentenza u sejra filwaqt li tirrevoka dik il-parti fejn sabet l-appellant hati tat-tieni akkuza, sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-appellant. Dan naturalment ser jigi rifless fil-piena fejn din il-Qorti trid necessarjament tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn iddeciediet li *ai termini* tal-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)- il xahar, sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza moghtija kontra

---

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Mejju, 1993
[24] Fis-sentenza moghtija kontra l-appellant fl-ismijiet 'Il-Pulizija Vs Joseph Mary Borg', deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (Appell Numri: 353/2010 & 358/2010)
[25] Fis-sentenza moghtija kontra l-appellant fl-ismijiet 'Il-Pulizija Vs Joseph Mary Borg', deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (Appell Numri: 353/2010 & 358/2010)

l-appellant mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) giet reza operattiva.

Ikkunsidrat;

Illi it-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena nflitta. L-appellant jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva u ressaq numru ta' ragunijiet abbazi ta' liema jhoss li l-Ewwel Qorti setghet ordnat li tinghatalu sentenza sospiza.

Din il-Qorti dwar dan l-aggravju tibda billi tikkunsidra li kif anke kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzzi) vs Anthony Zarb'**[26]:

' *Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[27]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[28] *u ohrajn.)*' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti ma haditx in konjizzjoni l-istqarrija rilaxxata mill-appellant in vista li din ittiehdet meta suspettat ma kellux dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel l-interrogatorju. Madankollu jirrizulta li l-appellant ikkopera mal-Pulizija mill-istadju bikri. In oltre, jirrizulta wkoll li kien hemm dewmien konsiderevoli fil-kaz odjern stante li t-tahrika ta' kawza tal-Pulizija hija datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u ghalkemm kien hemm drabi fejn intalbu differimenti mill-appellant u xi drabi ma dehrx, fil-maggorparti ma jirrizultax li dan id-dewmien kien rizultat ta' nuqqas uniku tal-appellant.

Kif irrizulta wkoll mill-proceduri mhux biss il-kwerelant irtira l-kwerala u kkonferma li ma kellux interess fil-proceduri izda anke xehed li dak li kien gie misapproprijat thallas lura. L-appellant jissottometti wkoll li l-appellant kien vittma ta' frodi u kien ghalhekk li sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji.

---

[26] Deciza mill-Qorri tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[27] *Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999*
[28] *Deciza fl-24 ta' April, 2003*

Din il-Qorti ma tista' qatt tifhem jew tghader persuna li minhabba diffikultajiet finanzjarji tasal biex twettaq numru ta' reati fejn taghmel uzu ta' flejjes haddiehor, flejjes li jkunu gew fdati lilu sabiex jintuzaw ghal raguni partikolari u dan anke tenut kont tal-fatt li n-nuqqas li jsiru l-hlasijiet dovuti lid-Dipartimenti fosthom dawk tat-taxxi igibu maghhom riperkussjonijiet kbar fosthom dawk penali. Certament li kien hemm toroq ohra li l-appellant setgha jiehu biex jgheleb id-diffikultajiet finanzjarji izda certament mhux billi japrofitta ruhu minn terzi persuni. Din il-Qorti ukoll ma tistax ma tkunx perplessa meta tara l-fedina penali tal-appellant li ghandha numru ta' kundanni ta' misapproprjazzjoni fejn l-ewwel wahda tmur lura ghas-sena elf, disa' mija u wiehed u disghin (1991) u fejn l-appellant quddiem din il-Qorti kif preseduta fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kien flimkien ma' akkuza ohra kien instab hati ta' misapproprjazzjoni.

Din il-Qorti kemm in vista li mix-xhieda tal-appellant jaghti x'jifhem li ddecieda li jimxi fit-triq it-tajba sejra anke tenut kont tal-fatt li mill-fedina penali ma jirrizultax li l-appellant gie misjub hati ta' reati li sehhew wara li tressaq bl-akkuzi tal-kawza odjerna, taghti l-ahhar cans sabiex l-appellant jirriforma ruhu. F'dan ir-rigward, tenut kont tal-artikolu 28F tal-Kapitolu 9 u cioe li hij aprojbita milli taghti sentenza sospiza ohra , mhijiex se tinghata sentenza sospiza izda sejra tpoggi lill-appellantt taht Ordni ta' Probation u fl-istess hin tordnalu jhallas kumpens lil vittma ossia lil kwerelant Charles Bugeja arbitro boni viri fl-ammont ta' elfejn ewro (€2000) li ghandu jithallas fi zmien sitt (6) xhur. Dan il-kumpens qieghed jigi ordnat in vista ta' dak li l-appellant ghadda lil kwerelant minnu ghal fatt li r-reat ta' misapproprijazzjoni sehh ghal ammont ta' snin, ghal hin li telfu biex ghamel ir-rapport u biex tela' jixhed u ghat-telf li setgha soffra inkluz ghal fatt li setgha affacca riperkussjonijiet serji rizultat li l-flus li nghataw biex jithallsu t-taxxi ma ntuzawx ghal dak l-iskop u anke ghal fatt li l-kwerelant setgha hallas ghal xi pariri legali li ha qabel ma pprezent il-kwrela tieghu . Ghalhekk nonostante l-ftehim li jidher a fol 35 fejn l-appellant u l-kwerelant kienu anke ddikjaraw li '*Salv il-premess il-partijiet jiddikjaraw li ma ghandhom lebda pretensjonijiet ohra l-wiehed kontra l-iehor*' u nonostante li l-kwerelant irtira l-kwerela u ddikjara li thallas u li ma kellux interess tant li a fol 106 et seq f'Dok HA1 fil-lista tal-hlasijiet gie ddikjarat li '*Jien Charles Bugeja (I.D.354554M) niddikjara li thallast ghas-saldu l-ammont li kien dovut minn Joseph Mary Borg u ghalhekk ma baqaliex aktar pretensjonijiet*

*hra kontrih*', din il-Qorti temmen li fic-cirkostanzi l-imposizzjoni ta' ordni ta' probation u l-hlas ta' kumpens lil kwerelant Charles Bugeja ghandu jwassal lill-appellant biex jiehu l-opportunita' biex verament jimxi fit-triq it-tajba u sabiex l-appellant ma jergax iwettaq reat iehor.

In oltre kif gia kkunsidrat stante li t-tieni aggravju gie milqugh u li ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza, sejra konsegwentement anke tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti sabet htija tat-tieni imputazzjoni u fejn ordnat li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) tigi reza operattiva u fejn b'hekk ikkundannat lil appellant perjodu globali ta' tlett (3) snin prigunerija, ossia tmintax-il xahar rigwardanti l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tmintax-il xahar ohra wara li ddikjarat is-sentenza sospiza tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) bhala reza operativa.

Ghal kunsiderazzjonijiet maghmulha f'din is-sentenza, it-tielet aggravju qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parti, billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet htija tal-ewwel imputazzjoni, qieghda tirrevoka dik il-parti fejn sabet htija tat-tieni imputazzjoni u fejn ordnat li s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2005 tigi reza operattiva u sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni. Din il-Qorti qieghda tirrevoka in toto il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kemm rigwardanti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u fejn ordnat li s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2005 tigi reza operattiva u sejra minfokk bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-appellant taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn mil-lum skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali mis-sentenza. Qieghda tordna ukoll lill-appellant ihallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2000) fi zmien sitt xhur f'kumpens lil kwerelant Charles Bugeja *ai termini* tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputat kif ukoll tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb din l-Ordni ta' Probation.

Qieghda ukoll tordna lill-ufficcjal prosekutur f'din il-kawza sabiex jiehu hsieb li l-

ordni moghtija f'din il-Qorti sabiex jithallas kumpens lil vittma fl-ammont t €2,000 jigi realizzat stante li tali ordni qed tifforma parti integrali mill-Ordni tal-Probation li qed jinghata lill-appellant.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

ORDNI TA' PROBATION(MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Illum: 30 ta' Ottubru, 2018

Il-Pulizija

Spettur Matthew Vella

vs

Joseph Mary Borg

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Joseph Mary Borg gie kkonfermat bhala hati tal-ewwel imputazzjoni kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l- Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn millum, ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hati Joseph Mary Borg, detentur tal-karta tal-identita' numru 307350M ikun ghal perjodu ta' sentejn millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficcjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hati ghandu joqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hati biex ma jerggax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati ohra.

6. Li fi zmien sitt (6) xhur li jibdew jiddekorru mil-lum il-hati ihallas lil kwerelant Charles Bugeja is-somma ta' elfejn ewro (€2000) a tenur tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bhala kumpens ghal telfien li hu inkorra bl-agir tal-hati.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur tas-Serivizzi tal-Probation u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

.........................................

(firma tal-persuna mqeghda taht probation)

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur